**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru : 26/2019 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**PA**

**Vs**

**U b'digriet tal-1 ta' Novembru 2019 ġew nominati Dr Victor Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil KA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' PA, datat 17 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu fl-ewwel (01) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (01/09/2004) ġewwa Malta (kopja hawn annessa u immarkat bħala Dok B);*

2. *Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment mis-sena elfejn u tlettax (2013) u għalhekk il-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn 4 snin;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom datat 1 ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-atti tan-Nutar Dr Charmaine Sant, kopja hawn annessa u immarkata bħala Dokument A;*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;*

5. *Illi l-partijiet għadhom sa' llum il-ġurnata ma rrikonċiljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;*

6. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija ir-rikorrenti umilment titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ bejn il-partijiet li żżewwġu fl-ewwel (01) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (01/09/2004) maħlul għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ai termini tal-Artikoli 66 A (1) tal-Kapitolu 16.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jiġi reġistrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Dr Victor Bugeja nomine (ID 44963 G) a fol 52 tal-proċes fejn dan irrisponda hekk:

*Illi l-esponenti ma huwiex edotti mill-fatti konnessi mal-kawża u għalhekk jirriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-każ*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

PA xehdet (FOL 57) illi hija iżżewġet lil KA fl-ewwel ta' Settembru 2004 u li minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-25 ta' Marzu 2014. Illi minn dak in-nhar tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali sa' llum, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama tal-istess. Illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Illi l-attriċi infurmat lill-Qorti li hija tixtieq tirreverti lura ghall-kunjom xbubithat ċioe G P (verbal datat 19 ta' Frar 2020 fol 54) u ippreżentat ċertifikat tar-Reġistru Pubbliku li juri li hija fil-fatt gia irrevertiet lura għal kunjom xbubitha u ċioe G P (Dok AE1, fol 55)

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Settembru 2004 (Vide Dok B fol 6) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, datat 25 ta' Marzu 2014 (vide Dok. A fol 3 et seqq.tal-proċess) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Sikkome jidher car illi l-attrici gia kienet rrevertiet lura ghall-kunjom xbubitha cioe G P, il-Qorti ma ghandhiex provvediment ulterjuri x'taghmel.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**